MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 168/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond Aquilina)**
**Vs**
**Emanuel Degabriele**

**Illum 8 ta' Marzu, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn il- Hadd is-17 ta' Awissu 2008 u t-Tnejn 18 ta' Awissu 2008, f'residenzi gewwa Bormla meta b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
1) Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-eta' u cioe Donna Sciberras u Tania Attard it-tnejn ta' erbatax-il sena;
2) fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 7 ta' Kapitolu 446 tal-Ligijiet

ta’ Malta liema kundizzjonijiet gew imposti fuqu b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. datata 12 ta’ Marzu 2007;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 204C(1) tal-Kap. 9, l-artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq l-istess ammissjoni tieghu sabitu hati skond l-akkuza w ikkundannatu ghal sena prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta’ Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt tikkonfermaha fejn sabitu hati taht l-akkuzi dedotti, tvarja l-piena billi tipprovdi wahda aktar mita w idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-
Illi ghalkemm hu minnu li jekk kellu japplika l-artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-appellant ma setax jibbenefika minn sentenza sospiza, huwa xorta seta’ jinghata probation kif del resto gie rrikmandat li jinghata;
Illi l-appellant sfortunatament trabba f’ambjent asocjali ghall-ahhar;
illi indubbjament dan l-ambjent kien konducenti ghall-mod ta’ kif ikkomporta ruhu l-appellant u jidher car li ghandu bzonn ghajnuna;
Illi l-piena idonea hi dik ta’ probation fejn l-appellant jitqieghed taht gwida ta’ ufficjal tal-probation li jghinu jistrada ruhu fit-triq it-tajba;
Illi l-appellant ghad li mhux minorenni kien ta’ eta’ tenera w kien immamtur ghall-ahhar;
Illi l-appellant ikkopera pjenament mal-Pulizija w anke mal-Qorti fejn huwa irregistra l-ammissjoni tieghu fl-aktar stadju bikri possibbli.

Ikkunsidrat :

Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena. L-appellant qieghed jilmenta illi l-Ewwel Qorti kienet severa wisq mieghu u jmissha kkunsidrat alternattivi ghall-piena karcerarja illi sussegwentement imponiet.

L-appellant kien instab hati illi fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 t'Awwissu 2008 kellu x'jaqsam sesswalment ma' zewg tfajliet ta' erbatax il-sena.

L-appellant spjega fl-istqarrija tieghu li tinsab esebita a fol. 19 tal-process, kif iltaqa' ma' dawn iz-zewg tfajliet illi kienu harbu mill-istitut Fejda w ta deskrizzjoni grafika w dettaljata ta' dak ili ghadda minnu.

Mistoqsi direttatment jekk kienx jaf li t-tfajliet kienu taht l-eta', rrisponda illi kien jaf li wahda minnhom kellha xi erbatax jew hmistax il-sena izda l-ohra ma kienx jaf ezatt.

L-Avukat ta' l-appellant, fit-trattazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, spjega illi l-appellant ikkoopera mal-Pulizija w intalbet ukoll "pre-sentencing report" fejn kien hemm rakkomandazzjoni illi l-appellant ma jmux il-habs.

Vera illi kellu fedina penali attiva, pero' ma dan kollu seta' jinghata "conditional discharge".

L-Avukat stieden lil din il-Qorti illi tikkonsidra l-erba' xhur u nofs illi l-appellant ghamel taht "house arrest", u forsi kien il-kaz illi jerga' jigi nominat "probation officer" sabiex jiggwida lill-istess appellant. Jekk kien hemm xi hadd hati ghal dan ir-reat kienu t-tfajliet stess illi huma hatja daqsu, avolja kienu minorenni, huma abbuzzaw mill-appellant u m'ghandux jehel kollox hu.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali spjega illi l-appellant kellu dsatax il-sena meta gara r-reat. It-tfajliet kienu ghadhom kif harbu mill-istitut Fejda fejn kienu qeghdin jigu mizmuma ghall-ahjar taghhom. Wara li l-appellant kellu x'jaqsam mat-tfajliet, kienu ser jehodhom ghand habib

tieghu Pele, w ma semma xejn dwar l-istitut minn fejn kienu harbu.

L-imputat jista' jkun illi jkollu bzonn l-ghajnuna, pero dina diga' giet offritlu darb'ohra w irrifjuta.

Fi kwalunkwe kaz, l-ewwel sentenza hija wahda ragjonevoli fit-terminu tal-ligi w ghalhekk kellha tigi konfermata.

Ikkunsidrat :

Illi mhuwiex kontestat mill-appellant illi l-elementi formali tar-reat kollha jissusistu. Fi zmien il-kommessjoni tieghu l-appellant kellu dsatax il-sena w it-tfajliet illi mar maghhom kienu ta' erbatax il-sena. Ta' dik l-eta' minkejja l-izvilupp fiziku, mhuwiex meqjus illi kienu f'sitwazzjoni illi setghu liberament jaghtu l-kunsens taghhom ghall-attijiet sesswali.

L-appellant kien jaf illi dawn it-tfajliet kienu taht l-eta' kif ammetta hu stess fl-istqarrija tieghu. Dan il-fattur gie a konjizzjoni ta' l-Ewwel Qorti li kkunsidratu fid-deliberazzjonijiet taghha. Fil-fatt l-argumenti li ngabu quddiem din il-Qorti ngabu wkoll quddiem l-Ewwel Qorti w ikkunsidrathom fil-parti dispozittiva tas-sentenza taghha.

L-Ewwel Qorti semghet ix-xhieda ta' John Testa, “probation officer”, fejn dan spjega n-nuqqas ta' ko-operazzjoni tal-imputat fil-perjodu ta' “probation” illi huwa kien inghata minn decizzjoni mill-Qorti tal-Magistrati fit-12 ta' Marzu, 2007, fejn ikkonferma n-nuqqas ta' ko-operazzjoni tal-appellant fid-diversi appuntamenti li kien tah u kien ghalhekk kostrett jiddenunzja lill-appellant fit-22 ta' Gunju, 2007, liema denunzja allura saret qabel il-kommissjoni ta' dan ir-reat. Kien ghalhekk illi l-Ewwel Qorti, minkejja l-eta' tal-appellant, dehrilha illi kien kaz li jimmerita piena karcerarja aktar u aktar meta kienet prekluza taghmel mod iehor minhabba l-ksur tal-“probation” u l-imgieba tal-appellant. U ormai assodatt fil-gurisprudenza taghna illi l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti

jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dikil-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha (Pulizija vs Carmelo Schembri App. 28.04.1995).

Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-ligi w l-argumenti tal-Ewwel Qorti, biex waslet ghall-piena, kienu wkoll ragjonevoli w legali.

Ghalhekk mhux il-kaz illi l-ewwel sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------